**4 ta' Novembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Barbara

*versus*

Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi

**Perit Arkitett – Onorarju – Ftehim dwar Drittijiet – Kuntratt ta' Kiri ta' Xogħol u Industrija – Kundizzjoni Risoluttiva – Abbandun mill-Klijent**

*Il-kuntratt li bih Perit Arkitett u l-klijent tiegħu jiftiehmu li l-Perit għandu jirrendi s-serviġi professjonali tiegħu huwa kuntratt ta' kiri ta' xogħol u industrija.*

*Dan il-kuntratt, bħall-kuntratti bilaterali kollha, huwa soġġett għall-kundizzjoni risoluttiva taċita; għalhekk, jekk waħda mill-partijiet ma tħarisx l-obbligazzjoni tagħha, il-parti l-oħra tista' tagħżel jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tersaq għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew li titlob li jinħall il-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan-nuqqas ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament ippresjeduta li bih l-attur – premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa; premess illi b'ittra tal-konvenut tat-28 ta' April 1989 huwa ġie nnominat *Consultant* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-proġett ta' bini fuq l-art ta' Busugrilla, limiti Rabat, Malta; premess li minħabba l-entità tal-proġett huwa aċċetta għall-proġett kollu f'daqqa onorarju inqas minn dak stabbilit fit-Tariffa K tal-Kap. 15; premess li fid-9 ta' Ottubru 1971, meta kienet ġiet biss esegwita parti mill-proġett, il-konvenut, mingħajr raġuni valida fil-liġi, unilateralment ittermina l-inkarigu ta' l-attur għad-dannu tiegħu stess; premess li din it-terminazzjoni ġġib bħala

konsegwenza illi huwa mhux aktar marbut bl-onorarju miftiehem għall-proġett kollu u għandu d-dritt jitħallas skond it-Tariffa K imsemmija bħall-każ ordinarju ta' perit li jiġi abbandunat mill-klijent; premess li huwa jikkalkola li għad baqagħlu jieħu ċirka sebat elef lira (Lm7,000); premessa d-dikjarazzjoni li l-konvenut itterminalu l-inkarigu unilateralment u mingħajr raġuni valida fil-liġi u illi, per konsegwenza, huwa mhux marbut kwantu għall-onorarju tiegħu bl-ittra tan-nomina tat-28 ta' April 1969 – talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu anke in linea ta' danni bħala bilanċ ta' l-onorarju tiegħu rigwardanti l-proġett imsemmi s-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000) jew kwalunkwe somma oħra verjuri, ikbar jew iżgħar, li tirriżulta dovuta; bl-interessi min-notifika ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Lulju 1972 u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li biha eċċepixxa illi kwalunkwe ammont pretiż, jekk ikun verament dovut, għandu jkun ibbażat fuq ir-rata ta' ħlas miftiehma skond il-*Letter of Appointment* li bejn il-partijiet għandha rabta kuntrattwali, safejn ikun applikabbli; illi fil-każ preżenti l-*Letter of Appointment* aċċettata mill-attur kienet iffissat rata ta' ħlass massimu ta' 6½ % għal diversi kwalità ta' xogħol speċifikat u elenkat fl-istess *Letter of Appointment* kif ukoll il-mod kif il-ħlas ta' 6½ % kellu jsir waqt il-kors ta' l-esekuzzjoni tax-xogħol; u illi l-inkarigu ta' l-attur ġie tterminat waqt li kien tlesta parti mix-xogħol u huwa ħallas lill-attur f'żewġ akkonti s-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija u erbgħin lira (Lm4,740) dovuta lill-attur u li ġiet stabbilita bis-6½ % għax-xogħol li laħaq lesta, żewġ terzi (⅔) ta' 6% fuq ix-xogħol li l-attur għamel skond il-paragrafu 2(a) sa (e) tal-*Letter of Appointment* u terz (⅓) ta' sitta fil-mija (6%) fuq xogħol preliminari li kien laħaq għamel u li għalhekk huwa ma għandu

jagħti xejn lill-attur – salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-24 ta' Lulju 1978 kif ukoll dik ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Ġunju 1979;

Rat is-sentenza ta' l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' April 1983 li biha: 1) iddikjarat li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u mingħajr raġuni valida fil-liġi l-inkarigu li kien ikkomettielu; 2) li, per konsegwenza, l-attur mhux marbut, kwantu għall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tiegħu tat-28 ta' April 1969, ħlief safejn kien laħaq sar ix-xogħol, sakemm il-kuntratt kien mitmum, u 3) ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bħala bilanċ ta' l-onorarju tiegħu, il-kumpens li jirriżulta li huwa għandu jitħallas a bażi tat-Tariffa tal-Periti (It-Tariffa K tat-Tielet Skeda ta' l-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), li kieku kien imħolli jespleta l-inkarigu lilu mogħti;

U billi dan il-kumpens ma ġiex illikwidat mill-Perit Tekniku, Paul Mercieca, għax dan għamel il-likwidazzjonijiet tiegħu fuq bażi oħrajn, li mhux dawk li sabet din il-Qorti, innominatu mill-ġdid biex, a spejjeż provviżorjament ta' l-attur, jillikwida l-kumpens dovut lill-attur a tenur u fuq il-linja ta' din id-deċiżjoni u tirriserva d-deċiżjoni finali tagħha għal wara li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-perit;

*Omissis;*

Illi jidher ċar li din il-Qorti issa għandha l-kompitu preċiż

li tittratta *seriatim*, it-talbiet attriċi kif elenkati bi preċiżjoni ta' min ifaħħarha mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, jiġfieri:

1) Li jiġi ddikjarat li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u mingħajr raġuni valida fil-liġi l-inkarigu li kien ikkommettielu;

Bis-sempliċità kollha l-fatti rilevanti għal din it-talba huma dawn: *Il-Gvern (Amministrazzjoni sussegwenti) biddel il-politika* li kien miexi biha li jagħti appalti ta' xogħol lill-periti li ma kinux membri tad-Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi, kemm fil-vesti ta' *consultancy* kemm f'dik merament professjonali mhux f'livell ta' *consultancy*. Għalhekk, u għalhekk biss, ittermina l-kuntratt li kien ta lill-attur biex jagħmel ix-xogħlijiet bażi ta' din il-kawża. Ma kien allegat bl-ebda mod li l-attur kien naqas f'xi ħaġa minnaħa tiegħu fl-adempiment tax-xogħol li kellu jagħmel;

Ikkunsidrat li ma jistax ikun hemm xi dubju li Amministrazzjoni sussegwenti, kostituzzjonalment, m'hix marbuta mill-politika ta' l-amministrazzjoni, jew amministrazzjonijiet ta' qabilha. Il-Gvern kellu mitt elf dritt, la ried, jibdel il-politika tal-bini mid-Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi, ukoll, kif għamel, unilaterlament. Dan privileġġ tal-Gvern li xejn u ħadd ma jista' josta għalih u huwa rikjest mill-istess attributi tal-Kostituzzjoni demokratika u min-natura ta' l-interess pubbliku. Imma mbagħad dan il-privileġġ ifisser biss li l-ħaġa tista' ssir. Imma mbagħad trid issir fit-termini tal-liġi Ċivili li tobbliga lill-Gvern bħal ma tobbliga liċ-ċittadin kwalunkwe; għax kif għallmet din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fi **Xuereb *vs* Micallef** (3 ta' Ottubru 1953, XXXVII.II.753) u f'**Apap Bologna *vs* Borg Olivier** (6 ta' Frar 1958, XL.II.903) fejn il-liġi ċivili ma tiddistingwix bejn l-istat

min-naħa u ċ-ċittadin mill-oħra, mhux sew li nargumentaw distinzjonijiet li jammontaw għal privileġġ favur naħa jew oħra;

Issa l-artikolu 1111 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23) illum art. 1068 Kap. 16 jitkellem ċar u tond u bla bżonn ta' xi interpretazzjoni illi "kondizzjoni risoluttiva tingħad dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha: iżda f'dan il-każ, il-kuntratt ma jinħallx, *ipso iure,* u l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut";

Il-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċirkostanzi jitolbu li hija m'għandhiex tagħti xi żmien f'dan ir-rigward. Hawnhekk *si tratta* ta' politika ta' l-Amministrazzjoni preżenti li hija tant magħrufa li jkun oltraġġuż li l-Qorti tgħid xi kelma dwarha wkoll b'kumpliment;

Ikkunsidrat illi minn dan isegwi li malli l-Amministrazzjoni eżerċitat il-privileġġ tagħha u temmet il-kuntratt mogħti lill-attur, hija, fil-kliem ta' l-artikolu 1109: "qiegħdet il-ħwejjeġ fl-istess stat bħallikieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula";

Ikkunsidrat illi li din hi l-posizzjoni legali ġusta jirriżulta wkoll mill-fatt illi din is-sitwazzjoni ma tidħol bl-ebda mod fil-wisgħa tal-privileġġi mogħtija lill-awtoritajiet pubbliċi bl-Att Nru. VIII ta' l-1981;

Ikkunsidrat illi dan hu punt loġiku biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni talba, jiġifieri:

"2) li, per konsegwenza, jiġi ddikjarat li l-attur mhux marbut, kwantu għall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tiegħu tat-28

ta' April 1969'';

Il-fatt li jirriżultaw paċifikament aċċettati mill-kontendenti f'dan ir-rigward kienu dawn: l-attur, *in vista* ta' l-entità tal-kuntratt in kwistjoni, ma qagħadx ifettaq u jinsisti li għandu jitħallas sold b'sold, skond it-tariffa. La l-lant kien tajjeb kien ippreparat jitlef xi ħaġa mid-drittijiet professjonali tiegħu biex jirbaħ il-pagament li globalment kien ifisser ħafna. Għalhekk ftiehem mal-Gvern li jitħallas xi ħaġa inqas mit-tariffa tal-periti. Malli l-Gvern temm il-kuntratt, huwa fetaħ għajnejh beraħ u qiegħed jitlob kull sold li l-liġi tintitolah għalih. Issa, qiegħed fil-posizzjoni li jrid il-*pound of flesh* tiegħu; issa, jallega, il-ħwejjeġ ġew fl-istess stat bħallikieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula; allura l-onorarju ma għandux ikun dak pattwit, għandu jitħallas bħallikieku ma kien hemm ebda kuntratt bejnu u bejn il-Gvern, li għandu jitħallas bir-rati miftiehma. F'dan, il-liġi hija dak li hija, u ttih raġun;

Ikkunsidrat illi, la r-rati pattwiti ma jistgħux japplikaw barra mill-kontest tal-kuntratt, x'għandu jkun il-kriterju tal-pagament tiegħu? F'sistemi legali fejn hu aċċettat li l-awtorità statali ma tista' tagħmel xejn ħażin, għax ħadd ma jista' għaliha, kienet magħrufa tajjeb is-sistema tal-''*quantum meruit*'' – Agħti lill-ħaddiem dak li ħaqqu, jew dak li jistħoqqlu, u l-Qrati kienu jiffissaw dak li fil-fehma magħruf tajjeb u aċċettat iktar fl-Ingilterra fi żminijiet medjevali. B'xorti tajba għall-Qorti, f'dan il-każ, il-Qorti ma għandha l-ebda ħtieġa li tfittex hi l-*quantum meruit* tal-periti billi l-istess liġi tgħidulna bl-eżatezza kollha, fit-Tariffa K tat-Tielet skeda ta' l-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li kienet aġġornata bit-Tielet Skeda ta' l-Avviż Legali 7 ta' l-1968;

Iżda hawnhekk, kif sewwa argumenta l-konvenut quddiem din il-Qorti, għandha ssir distinzjoni. Ma nistgħux nikkunsidraw il-kuntratt li ġie mitmum bħallikieku qatt ma eżista. Ix-xogħol li laħaq sar in forza ta' dak il-kuntratt għandu jkun imħallas skond ir-rati pattwiti fil-kuntratt; bil-kundizzjoni risoluttiva, pattwita jew le, il-kuntratt seħħ għal xi żmien u sar ħafna xogħol taħtu. Għal dak ix-xogħol ir-rati miftiehma bejn il-partijiet japplikaw;

Ikkunsidrat, illi dan huwa punt loġiku biex il-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra t-tielet talba, jiġifieri:

"3) li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur, anke in linea ta' danni, bħala bilanċ ta' l-onorarju tiegħu, is-somma ta' Lm7,000 jew kull somma oħra verjuri";

La l-konvenut ħall unilateralment mingħajr ma l-attur ma kien ta lok għax-xoljiment tal-kuntratt, huwa għandu jagħmel tajjeb għad-danni li l-azzjoni tiegħu kkaġunat. F'dan il-każ jidher lampanti l-*lucrum cessans*. Huwa għal dan il-*lucrum cessans* li japplikaw it-tariffi ordinarji tal-periti f'dan il-każ. Li kieku x-xogħol baqa' sejjer sa l-aħħar, kif kien imfassal, x'kien ikun l-onorarju tal-konsulent perit li kien responsabbli għall-proġett? U dan mill-punt li fih kien imwaqqaf sal-punt li fih il-proġett kien ikun imwettaq skond il-ftehim;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi pprezentata fit-2 ta' Mejju, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-imsemmi Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi pprezentata fis-16 ta' Mejju 1983, li biha talab bir-rispett li dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza

mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-22 ta' April 1983, billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant u per konsegwenza tirrevoka wkoll in-nomina tal-Perit Tekniku Paul Mercieca, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur AIC Joseph Barbara ppreżentata fit-8 ta' Lulju 1983 li biha l-istess attur ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali biex jappella inċidentalment minn dik il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla fejn iddeċidiet illi, għax-xogħol li laħaq sar sakemm il-kuntratt ġie tterminat, l-attur hu marbut, kwantu għall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tiegħu. L-ewwel Qorti kienet aċċettat l-applikazzjoni tal-*patto commisorio tacito, iżda rrifjutat li taċċetta l-konsegwenzi tiegħu in toto,* u dan hu manifestament żbaljat. Anki jekk jiġi applikat l-artikolu 1734 illum art. 1640, Kap. 12 dan lanqas ma jgħid li l-ħlas tax-xogħol li sar għandu jkun skond ma ġie miftiehem oriġinarjament bejn il-partijiet kontraenti;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti. B'ittra ddatata t-28 ta' April 1969, il-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien innomina lill-attur bħala *Consultant* mad-dipartiment in konnessjoni ma' proġett tal-*Housing* li kellu jiġi kostruwit fuq is-*site* mmarkata bl-aħmar fuq il-pjanta No. 62J/1272 li kienet annessa ma' l-ittra tan-nomina tiegħu. Din l-ittra għandha fiha deskritt u elenkat ix-xogħol bħala *Consultant.*

Inkluż f'din il-lista hemm ukoll ir-rata ta' ħlas għas-servizzi professjonali li biha l-attur kellu jitħallas għax-xogħol li jkun għamel. Din ir-rata hija inqas minn dik stabbilita, għax-xogħol in kwistjoni, bit-Tariffa K tat-Tielet Skeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din in-nomina ġiet effettivament aċċettata mill-attur allavolja r-rata offerta lilu kienet inqas minn dik fit-Tariffa stabbilita mil-liġi;

Illi in segwitu għall-aċċettazjoni da parti ta' l-attur tan-nomina tiegħu, huwa beda jesegwixxi x-xogħol li għalih kien ġie inkarigat. Fit-28 ta' Settembru 1971, però l-konvenut unilateralment issospenda l-inkariku ta' l-attur u dana permezz ta' ittra li kopja tagħha tinsab esibita fil-proċess bħala Dok. B. F'din l-ittra l-konvenut informa lill-attur li x-xogħol li kien ġie inkarigat jagħmel hu, bl-ittra tan-nomina Dok. A, kien sejjer jitkompla mill-periti tal-*Public Works Department: "I am however directed to inform you that Government will henceforth entrust the works still outstanding on this project to the Public Works Engineers and that consequently your assignment shall be terminated as from the 9th October 1971"*. Bl-istess ittra huwa ġie mitlub jikkonsenja kull ma kellu in konnessjoni mal-proġett *de quo* lir-rappreżentanti tad-Dipartiment tal-*Public Works.* Hekk ġie li l-inkarigu li kellu l-attur ġie tterminat b'effett mid-9 ta' Ottubru 1971, qisu sentejn u ħames xhur min-nomina tiegħu. Ma jidhirx li din it-terminazzjoni saret minħabba xi raġuni ħlief dik imsemmija fl-ittra Dok. B. Infatti d-Direttur tal-*Public Works Department* l-AIC Carmelo Psaila rringrazzjah tax-xogħol li hu laħaq għamel fuq il-proġett. *"I have to refer to this Department's letter of the 28th April, 196?, by which you were appointed consultant on a Housing Development at Rabat, Malta and to thank you for the services rendered by you in connection with the project"*. Skond dak li ntqal fuq il-ftehim dwar l-inkarigu *de*

*quo* ma jidhirx li ġie xjolt bi ftehim u l-akkordju tal-partijiet anzi jidher ċar li l-ftehim ġie tterminat unilateralment mill-konvenut;

Illi l-konvenut illum qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti mogħtija fit-22 ta' April 1983. Din il-Qorti kienet laqgħet it-talbiet attriċi fis-sens li: 1) iddikjarat li l-konvenut ittermina lill-attur unilateralment u mingħajr raġuni valida fil-liġi l-inkariku li kien ikkommettielu; 2) li per konsegwenza l-attur mhux marbut, kwantu għall-onorarju, bl-ittra tan-nomina tiegħu tat-28 ta' April 1969 ħlief sa fejn kien laħaq sar ix-xogħol sa kemm il-kuntratt kien mitmum u 3) ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur anki in linea ta' danni, bħala bilanċ ta' l-onorarju tiegħu, il-kumpens li jirriżulta li huwa għandu jitħallas a bażi tat-Tariffa tal-Periti (Tariffa K tat-Tielet Skeda ta' l-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) li kieku kien imħolli jespleta l-inkariku tiegħu;

*Omissis;*

Illi l-konvenut bħala aggravji tiegħu semma s-segwenti. L-ewwelnett hu ssottometta li l-Ewwel Qorti kienet ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq disposizzjonijiet skorretti tal-liġi rigward il-każ in eżami. *Di più* semma wkoll il-fatt li l-perit tekniku ġie mogħti wkoll l-inkariku biex jirrelata dwar kwisjonijiet li huma purament legali. Fit-tieni lok hu lmenta l-fatt li l-ewwel Qorti wara li ddeċidiet li l-konvenut kien ittermina l-*Consultancy Agreement* li kien hemm bejnu u bejn l-attur unilateralment, kienet insiet li bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt bil-miktub bil-pattijiet u l-konsegwenzi legali naxxenti minnu u mxiet fuq l-artikolu 1111 illum art. 1068 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem fuq il-kundizzjoni risoluttiva li fil-fehma tiegħu ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ. Fit-tielet lok huwa jsostni li l-*Consultancy*

*Agreement* huwa kuntratt legali u validu u fin-natura tiegħu hu ta' *locatio operis* kif hemm imsemmi fl-artikolu 1727 illum art. 1633 tal-Kodiċi Ċivili, u li dan jista' jispiċċa jew *ope legis* bil-mewt tal-perit jew billi jiġi tterminat unilateralment minn min jagħti x-xogħol bil-konsegwenzi li hemm imsemmija fid-dispost ta' l-artikolu 1734 illum art. 1690;

Illi rigward it-terminazzjoni tal-kuntratt li kien jeżisti bejn il-kontendenti ma tantx jidher li hemmm x'wieħed jista' jikkommenta fuqu. Basta wieħed jeżamina l-ittra tat-28 ta' April 1969 u hemm għandu jsib li b'dina l-attur kien ġie maħtur *Consultant* mad-Dipartiment tal-*Public Works* in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-proġett hemm indikat. Fl-istess ittra nsibu t-tieni paragrafu li jgħid: "*your duties shall be those normally partaining to consultants on such projects and shall include*"... u wara hemm elenkati lista ta' affarijiet li għandhom jiġu kkonsiderati bħala inklużi fid-*duties* li normalment ikollu consultant li jiġi mqabbad b'biċċa simili. Fil-paragrafi l-oħra ta' l-istess ittra hemm imsemmija dettaljatament f'hix jikkonsisti l-proġett u f'hix għandu jidħol u jieħu konjizzjoni tagħkom. Il-*Consultant* f'dan il-każ kien l-attur. Din in-nomina kienet ġiet aċċettata mill-istess attur tant li dam fuq sentejn jaħdem fuq il-proġett de quo. Sentejn u ħames xhur preċiżi wara, l-attur irċieva l-ittra tat-28 ta' Settembru 1971 Dok. B fejn kien ġie infurmat mid-Dipartiment "*that Government will henceforth entrust the works still outstanding to the Public Works Engineers*" u li l-kuntratt tiegħu kien ġie tterminat b'effett mid-9 ta' Ottubru 1971;

Illi mis-suespost ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju dwar kif saret it-terminazzjoni tal-kuntratt eżistenti bejn il-kontendenti. Jidher ċar li dan kien ġie tterminat unilateralment

min-naħa tal-konvenut. Ma nġiebet ebda raġuni speċjali għaliex dan il-kuntratt kien ġie hekk itterminat ħlief li dak ix-xogħol kienu sjerin ikompluh il-periti tal-*Public Works Department*. Issa għalhekk jibqa' li jiġu eżaminati l-effetti u konsegwenzi legali li joħorġu mit-terminazzjoni unilaterali ta' l-imsemmi kuntratt min-naħa tal-konvenut. Effettivament ma jidher minn imkien, la min-nota ta' l-eċċezzjonijiet u lanqas minn imkien ieħor fil-proċess, li l-konvenut qiegħed jikkontesta l-allegazzjoni tal-mod kif ġie tterminat l-inkariku mogħti lill-attur. Jidher però li l-kwistjoni kollha u vera kontestazzjoni da parti tal-konvenut tirrigwarda l-effetti li ġabet magħha t-terminazzjoni in kwistjoni;

Illi minn dak li hemm imsemmi fil-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut jidher li dak li qiegħed jippretendi l-konvenut appellant hu li għax-xogħol li ma sarx l-attur m'għandu dritt għall-ebda ħlas u li għal dak li sar, għad li fil-fatt il-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien ġie tterminat unilateralment, minnu għadhom jorbtu l-pattijiet hemm ikkontenuti. Hawnhekk il-konvenut qiegħed jirriferi għar-rata li fuqha kellu jitħallas bħala onorarju għax-xogħol tiegħu l-attur. Fil-fatt il-partijiet fl-okkażjoni ta' meta kien sar il-ftehim bejniethom kienu qablu li r-rata li biha kellu jitħallas l-attur għax-xogħol tiegħu ta' *Consultant* kellha tkun inqas minn dik stabbilita mit-tariffa tal-Gvern għal xogħol simili. Mill-provi jirriżulta li l-attur kien aċċetta din ir-rata iżgħar minn dik stabbilita. Il-konvenut qed jippretendi li din ir-rata aktar baxxa miftiehma bejn il-partijiet fil-kuntratt *de quo* għandha tibqa' torbot lill-partijiet u għandha tifforma l-bażi ta' kwalunkwe ħlas jew kumpens li talvolta jista' jingħata lill-attur minħabba t-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt. Għalhekk illum hemm, sitwazzjoni fejn waqt li l-konvenut ittermina arbitrarjament il-ftehim, huwa qiegħed jippretendi li l-pattijiet ikkontenuti rigwardanti l-ħlas fl-istess

ftehim għandhom jorbtu lill-attur. Fil-fehma ta' din il-Qorti din hija l-qofol tal-kwistjoni kollha;

Illi l-attur qiegħed jinvoka favur tiegħu l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili relattivi għall-kondizzjoni risoluttiva. Huwa qiegħed jissottometti li peress li l-ftehim bejn il-kontendenti jammonta għal kuntratt bilaterali, *stante* li kien hemm l-inadempjenza da parti tal-konvenut meta dan, mingħajr ebda raġuni valida, bagħat ittra lill-attur iddatata 28 ta' Settembru 1971 biex jittermina l-ftehim, allura għandhom japplikaw l-artikolu 1111 u 1109 (illum l-artikoli 1068 u 1066) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi min-naħa tiegħu fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu l-konvenut appellant qiegħed jissottometti li l-ftehim bejn il-kontendenti fin-natura tiegħu jammonta għal-*Locatio operis* previst fis-subtitolu III tat-Titolu IX tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk fil-każ preżenti għandu jiġi applikat l-artikolu 1734 (illum l-artikolu 1640) tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil min jagħti x-xogħol li jħoll, meta jrid, u dana billi jsir il-ħlas ikkontemplat fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi;

Illi din il-Qorti (President Sir Anthony Mamo u Imħallfin Montanaro Gauci u W. Harding, fil-kawża **Henry Cole *et vs* Paolo Grixti,** 23 ta' Novembru 1962, (Kollez. Dec. Vol. XLVI.I.515) stabbiliet dawn il-prinċipji in materja. "Huwa veru illi skond l-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili, il-kondizzjoni risoluttiva hi dejjem sottintiża fil-kuntratt bilaterali fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet tagħha; u skond l-art. 1112, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita tista' tagħmel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-

obbligazzjoni jekk dan jista' jkun; imma dawn id-disposizzjonijiet, li jgħoddu għall-obbligazzjonijiet in ġenerali, ma għandhomx jinqraw waħedhom, iżda jeħtieġ li jittieħdu flimkien mad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-kuntratt partikolari in kwistjoni; anzi dawn, bħala disposizzjonijiet speċjali, għandhom jipprevalu, jekk ikun hemm konflitt; u fi kwalunkwe każ għandu jiġi evitat li l-liġi tkun kontradittorja magħha nnifisha, jew li jkun hemm assurdità jew inkongruenza'';

Illi issa meta wieħed jeżamina n-natura tal-kuntratt bejn il-kontendenti, huwa evidenti li dan il-kuntratt jammonta għall-kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' Industrija kkontemplat fl-artikolu 1623 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fejn jingħad li l-kiri ta' xogħol u ta' industrija hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra bi ħlas li din tintrabat li tagħtiha kif ukoll ikkontemplat fl-artikolu 1626 fejn jingħad li ''Hu kiri ta' xogħol u ta' industrija (a) dak ta' seftur, ta' ħaddiem jew ta' **impjegat ieħor li jobbliga ruħu** li jagħti x-xogħol tiegħu għall-qadi ta' ħaddieħor.....'';

Illi l-liġi mbagħad artikolu 1627 (Kap. 16) tiddisponi li l-artikoli 1569 u 1570 ''jgħoddu wkoll għall-kiri ta' xogħol u ta' industrija bla ħsara tad-disposizzjonijiet speċjali dwar dan il-kiri'';

Illi l-artikolu 1570 (Kap. 16) fis-subartikolu (1) jiddisponi illi l-kiri jista' wkoll jinħall għad li ma jkunx hemm il-kondizzjoni risoluttiva jekk waħda mill-partijiet ma tesegwix l-obbligazzjoni tagħha; u f'kull każ bħal dan, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita tista' tagħmel jew li jġiegħel lill-parti l-oħra għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew li jitlob il-ħall tal-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan-

nuqqas ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt;

Illi din id-disposizzjoni speċjali, wieħed jista' jgħid, hija identika għal dik ta' l-artikolu 1112(1) (illum artikolu 1069(1) (Kap. 16) taħt it-titolu "Fuq il-Kundizzjoni Risoluttiva" invokata mill-attur; sija taħt l-artikolu 1112 (illum artikolu 1069, Kap. 16) li japplika għall-obbligazzjonijiet ġenerali sija taħt l-artikolu 1570 li japplika għall-kuntratt ta' kiri, ta' xogħol u ta' industrija, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita tista' tagħżel jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-kuntratt jew li titlob il-ħall tal-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni;

Illi għalhekk fil-każ preżenti d-disposizzjonijiet li jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet in ġenerali (li qiegħed jinvoka l-attur) mhux talli ma jikkonfliġġux mad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-kuntratt partikolari bejn il-kontendenti ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, iżda talli jaqblu bejniethom;

Illi għandu jiżdied li l-artikolu 1734 (illum l-artikolu 1640, Kap. 15) invokat mill-konvenut appellant mhux applikabbli fil-każ preżenti. Dan l-artikolu jiddisponi li "min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġà beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt". Il-liġi qiegħda hawn espressament tirriferixxi għall-kuntratt ta' appalt u għall-appaltatur. Hu evidenti li l-ftehim bejn il-kontendenti ma jammontax għall-kuntratt ta' appalt u li l-attur bl-ebda sforz ta' immaġinazzjoni ma jista' jiġi kkunsidrat li kien appaltatur;

Illi għalhekk, ma jistax jingħad li l-imsemmi artikolu 1640

jista' jaqa' taħt il-kliem "bla ħsara tad-disposizzjonijiet speċjali dwar dan il-kiri" bl-art. 1627 u li għalhekk għandu japplika hu minflok l-imsemmi art. 1570 applikabbli kif fuq ingħad taħt l-art. 1627 għall-kiri ta' xogħol u ta' industrija;

Illi għandu jiżdied ukoll li fl-ebda parti tad-disposizzjonijiet rigwardanti l-kiri ta' xogħol u ta' industrija ma jingħad kif għandu jitħallas arkitett li jiġi abbandunat mill-klijent tiegħu bħal ma ġie abbandunat l-attur għar-raġunijiet fuq esposti. Il-liġi però tikkontempla d-drittijiet ta' perit f'każ li jiġi abbandunat mill-klijent fit-Tariffa K fuq imsemmija u l-Qorti, li għandha wkoll id-dover li tevita inkongruwenzi kif ingħad fis-sentenza fuq iċċitata, ma tara l-ebda raġuni l-għala l-imsemmija Tariffa K li hija applikabbli għall-Arkitetti (Kollezzjoni Dec. Vol. XXIX.II paġ. 673, 675 u Vol. XXXVII.I.587) ma għandhiex tiġi applikata f'dan il-każ sabiex jiġu stabbiliti d-drittijiet ta' l-attur għax-xogħol li kellu jagħmel skond l-inkariku mogħti lilu mill-konvenut u li ma għamilx billi ġie tterminat dak l-inkarku. Huwa evidenti li għax-xogħol li laħaq għamel l-attur għandu jitħallas skond il-ftehim;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad sija l-appell prinċipali bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant kif ukoll l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-attur appellat u tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tibgħat lura lill-Ewwel Qorti l-atti tal-proċess għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.